# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Av. Darlene Grima)**
**(Av. Danika M. Vella)**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Joseph David Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 265/2023**

**Illum, is-sittax (16) ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Joseph David Borg** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 53190M akkuzat talli gewwa dawn il-gzejjer, bejn Settembru

tas-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) u Gunju tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

**1. B'xi mezz barra minn dik imsemmi fl-artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali, eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor u cioe' ta' -Omissis-, imwielda nhar -Omissis-, liema delitt sar fuq persuna ta' taht is-sittax (16) -il sena b'theddid jew b'qerq;**

**2. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll tordna li s-sentenza tigi nnotifikata lir-Registratur hekk kif kontemplat fl-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, waqt il-mori tal-kawza; u f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittma msemmija kif ukoll ghall-familjari taghha, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.**

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih izda sussegwentement din giet mibdula bhala wahda ta' htija u cioè fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Settembru elfejn u tlieta u ghoxrin (2023);

Rat ir-rapport tal-Probation Officer Ritianne Sultana Grech (Dok RSG1) li hejjiet *Pre Sentencing Report* fejn din ikkonkludiet is-segwenti:

*"Fatturi identifikati*

*L-imputat jinsab akkuzat li bejn Settembru tal-2021 u Gunju 2022 ikkommetta jew iffacilita l-korruzzjoni ta' persuna taht l-eta' bl-isem ta' -Omissis- kif ukoll ghamel uzu minn apparat tal-komunikazzjoni b'mod mhux xieraq.*

*L-Ufficjal Prosekutur, Kylie Borg, tghid li Joseph dejjem ikkoopera meta kien fil-konfront tal-pulizija. Harsa lejn il-Fedina Penali jirrizulta illi Joseph David Borg kellu kaz iehor ta' natura simili tal-kaz odjern fejn kien inghata liberta' kondizzjonata ghal 3 snin. Ghajr dan il-kaz, ma jidhirx li kellu konfronti ohra mal-Gustizzja qabel il-kaz odjern.*

*Joseph David isostni li t-tfulija tieghu ma kinitx wahda facli. Huwa jiddiskrivi r-relazzjoni tieghu ma' ommu u missieru bhala wahda pjuttost pozittiva. Biss, matul tfulitu huwa jsemmi kif kien ghadda minn hafna bullying mill-iskola u kawza*

*tan-nuqqas ta' gharfien f'dan ir-rigward ta' dak iz-zmien, huwa ma jhossx li rcieva s-sapport mehtieg.*

*Joseph David Borg kien kooperattiv mal-Ufficjal tal-Probation u attenda ghall-appuntament li nghatalu sabiex issir sessjoni mieghu. Biss meta gie mitlub sabiex jipprovdi kampjun tal-urina huwa hassar tlett appuntamenti moghtija lilu ghaliex jghid li ma setax jattendi minhabba li kien xoghol. Finalment, huwa ssottometta ruhu ghal kampjun tal-urina darba nhar is-7 ta' Lulju 2023. Rigward il-vizzju tad-droga l-Ufficjal tal-Probation ghamlet kuntatt mal-Caritas, fejn gie indikat li Borg ghandu kuntatt mal-keyworker, Matthew Calleja li jaghti informazzjoni pozittiva rigward Borg.*

*Fir-rigward tal-kundizzjonijiet medici, l-ikkoncernat jidher li qatt ma kellu ma' psikjatri jew psikologi fit-tul. Biss, kellu sessjoni mal-psikjatra Dr Sant fejn gie indikat li l-imputat ibati minn dipressjoni kif ukoll ikollu l-cravings ghas-sustanza kokaina u qieghed jigi trattat f'dan ir-rigward.*

*Pjan ta' kura*

*L-imputat jammetti li huwa ghandu problema ta' droga. Minn informazzjoni ohra li nghatat lill-Ufficjal tal-Probation, jidher li l-imputat jista' jkun ghandu problema ta' natura psikologika u anke dik emozzjonali. L-ufficjal tal-Probation thoss il-bzonn li jkollu t-trattament mehtieg sabiex jindirizza l-problema tad-droga kif ukoll l-emozzjonijiet negattivi tieghu. Huwa jidher li beda jaghmel dan permezz ta' sessjonijiet mas-Sedqa kif ukoll mal-psikjatra Dr. Kris Sant. L-Ufficjal tal-Probation tirrimarka fuq l-importanza tal-konsistenza ta' dan il-pjan sabiex Joseph ikollu trattament komplut u jkun possibbli li jeghleb il-vizzju totalment u b'hekk ikollu hajja stabbli, produttiva kif ukoll 'il boghod mill-vizzji u atti kriminali ohra."*

## Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti xtarret fit-tul il-pozizzjoni tal-imputat in vista tal-fatt illi hu kien gie precedentement misjub hati ta' kaz b'akkuzi simili. Tinnota però illi l-kommissjoni tar-reat mertu tal-proceduri odjerni jirrisalu ghall-istess perjodu li gie kommess ir-reat precedenti u ghal din ir-raguni huwa ma giex addebitat l-aggravju tar-recidiva.

Illi din il-Qorti rat il-verbal tal-partijiet fejn jaqblu illi l-imputat bidel hajtu tant li ghaddej b'ghajnuna psikologika u dik psikjatrika sabiex jeghleb il-problemi tieghu u qieghed jiehu dan it-trattament b'serjetà.

Illi ghal din ir-raguni biss l-imputat mhux ser jinghata piena ta' prigunerija effettiva izda tali piena ser tkun wahda riformattiva u li l-imputat jista' jibbenefika minnha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Joseph David Borg** hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u bl-applikazzjoni tal-

Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet snin (3) snin mil-lum kif ukoll ghal Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-istess perjodu liema trattament ghandu jkompli bl-istess mod u mill-istess professjonisti li digà qeghdin isegwuh.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin ghal perjodu ta' tnax (12)-il xahar fejn il-persuna protetta hija -Omissis- u dan skont il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u liema ordnijiet ghandhom jiffurmaw parti integrali ma' din is-sentenza.

Illi sabiex tigi protetta l-identità tal-vittma l-Qorti tordna d-divjett ta' isem l-istess vittma kif ukoll dettalji li permezz taghhom hija tista' tigi iddentifikata fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Illi di piu' u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex

l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru indikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**